**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Divizjoni ta' L-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:**_______________________________________ **Klassi:** _____________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **identita' personali** | **kostituzzjoni** | **kultura** | **riżorsi naturali** | **riserva naturali** |
| **sens ta' identita'** | **demografija** | **Rwol** | **Ġnus Magħquda** | **Il-Kunsill ta' l-Ewropa** |

1. F'din ir-___________________ nistgħu nammiraw l-ambjent ta' madwarna.
2. Ir-___________________ irridu nibżgħu għalihom għax jekk neqirduhom inkunu l-kawża ta' ħsara li ma tissewwiex.
3. Kull ċittadin għandu aktar minn ___________________ wieħed fis-soċjeta'.
4. Il-kultura Maltija tagħti liċ-ċittadini Maltin _______________________.
5. Ir-rata ta' twelid u mwiet li għandu pajjiż tissejjaħ ___________________.
6. Il-___________________ hija ġabra ta' liġijiet u prinċipji legali approvati mill-Parlament.
7. Il-___________________ twaqqfet bil-għan li tiġi evitata l-gwerra u taħdem favur id-Drittijiet tal-Bniedem.
8. L-għan ewlieni tal-___________________ hu l-għaqda Ewropea fid-diversita' tal-kulturi.
9. L-___________________ tissaħħaħ meta nsiru nafu il-kwalitajiet pożittivi u negattivi tagħna.
10. Kull soċjeta' għandha l-________________ tagħha u din għandha tiġi rispettata.

***Total 10 marki***

**Taqsima B**

**<u>Qabbel il-lista A mal-B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Interazzjoni soċjali | | Din isseħħ waqt l-interazzjoni soċjali waqt li nkunu qed nikbru u niżviluppaw. |
| 2. | Soċjeta' | | Din isseħħ permezz tal-kelma. |
| 3. | Soċjalizzazzjoni | | L-ewwel ma nitgħallmu l-imġiba u normi fil-familja. |
| 4. | Soċjalizzazzjoni primarja | | Interazzjoni li ssir permezz ta' sinjali b'idejna u ġesti oħra bil-bqija ta' ġisimna. |
| 5. | Soċjalizzazzjoni sekondarja | | Il-proċess ta' relazzjonijiet li bih tnejn jew aktar min-nies jinfluwenzaw lil xulxin fil-ħsibijiet, l-ideat, is-sentimenti u r-relazzjonijiet li jesprimu. |
| 6. | Komunikazzjoni verbali | | Din isseħħ meta noħorġu mill-ambitu familjari u nibdew niltaqgħu ma' nies oħra bħal għalliema, qraba u ħbieb fil-komunita'. |
| 7. | Komunikazzjoni mhux verbali | | Regoli ta' imġiba għaċ-ċittadini. |
| 8. | Valuri | | Niddependu mix-xogħol ta' xulxin. |
| 9. | Normi | | Prinċipji li jservu ta' gwida ta' kif għandna nġibu ruħna. |
| 10. | Interdipendenza | | Gruppi ta' nies li jaqsmu l-istess kultura, jaħdmu għall-istess għan, u għandhom interessi komuni. |

***Total 10 marki***

**Taqsima Ċ**

**<u>Aqra din is-silta u wieġeb.</u>**

L-ambjent jikkonsisti f'dak kollu li hemm madwarna, fid-dinja li ngħixu fiha. Dan jista' jkun id-dar fejn ngħixu, l-iskola fejn nitgħallmu, ir-raħal jew belt fejn ngħixu, il-kampanja fejn nimxu xi mixja kif ukoll il-baħar li ngawdu fis-sajf. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-ambjent hu dak li tagħtina in-natura u dak li għamel il-bniedem.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fl-ispazju pprovdut.**

1. X'tifhem bil-kelma ambjent?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

**3 marki**

2. X'differenza tgħaddi bejn ambjent fiżiku u ambjent soċjali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**4 marki**

3. X'rabta hemm bejn il-bniedem u l-ambjent naturali?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**4 marki**

4. Semmi żewġ għaqdiet li għandna f'Malta li jaħdmu favur l-ambjent.

______________________________ ______________________________ **2 marki**

5. Taħseb li l-poplu Malti huwa konxju mill-ambjent Malti? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**4 marki**

6. Semmi tliet kawżi ta' ħsara lill-ambjent Malti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**3 marki**

***Total 20 marka***

**Taqsima D**
**Wieġeb il-mistoqsijiet fl-ispazju provdut**

1. Kif nistgħu nagħrfu l-identita' personali tagħna? Agħti mill-anqas tliet eżempji.

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

**3 marki**

2. Liema huma l-aktar erba' fatturi importanti fis-soċjeta'?

a. __________________
b. __________________
ċ. __________________
d. __________________ **4 marki**

3. Liema huma ż-żewġ fatturi li jiddeterminaw l-interazzjoni tagħna?

a. ______________________________________
b. ______________________________________ **2 marki**

4. Spjega kif it-teknoloġija tista' tfixkel l-interazzjoni soċjali.

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

**2 marki**

5. Għaliex kull grupp jiżviluppa n-normi tiegħu? Spjega billi tagħti eżempji.

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

**3 marki**

6. Xi jkun grupp soċjali? Agħti tliet eżempji.

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

**4 marki**

7. Semmi żewġ istituzzjonijiet soċjali Maltin.

______________________________ ______________________________ **2 marki**

8. Ta' liema għaqdiet internazzjonali Malta hija membru? X'ġid qed joħroġ minn dawn l-għaqdiet?

**4 marki**

9. Għaliex ix-xogħol huwa importanti għall-bniedem?

**6 marki**

***Total 30marki***

**Taqsima E**

**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb paragrafu ta' 10 linji.**

a. IL-Ġnus Magħquda
b. Il-Kunsill ta' l-Ewropa
c. L-Unjoni Ewropea

***10 marki***

**Taqsima F**

**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 200 kelma.**

1. Ir-Rwol tal-familja fis-soċjalizzazzjoni.
2. Għaliex huwa importanti li ngħożżu l-kultura Maltija?
3. X'inhu r-rwol tal-gruppi soċjali?

***20 marka***